MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2015

Mandat Numru. 1860/2014/1

**George Farrugia (KI 432865M) u**

**Katherine Farrugia (KI 471800L)**

**vs**

**Raymond (KI 749852M) u Agnes (KI 333852M) konjugi Farrugia**

**Anthony (KI 151247M) u Catherine (KI 449346M) konjugi Farrugia**

**Gaetano (KI 1015349) u Dorothy (KI 501951M) konjugi Farrugia**

**Saviour (KI463454M) u Antoinette (KI 562355M)**

**konjugi Farrugia**

**Emanuel (KI 57756M) u Valerie (KI 473859M) konjugi Farrugia;**

**John’s Group Limited C11392;**

**Powerplan Limited C18322;**

**John’s Autocare Limited C14977;**

**John’s Garage Limited C3679 ;**

**Sunray’s Travel and Tourism Limited C6280280**
**u JF Motors Limited C23828**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-**rikors guramentat** ta’ George u Katherine konjugi Farrugia tal-21 ta’ Novembru, 2014 li jaqra hekk:

*“Illi l-esponenti sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta’ mandate ta’ inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b’titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta’, u b’mod partikolari.*

*(1) L-Utile Dominium Temporaneum ghall-bqija tal-koncessjoni enfitewtika temporanja originali ghal mija u hamsin (150) sena li bdiet tiddekorri fil-hamsa (5) ta’ Awissu tas-sena elf tmien mija u disgha u sebghin (1879) tal-fond numru sbatax (17) flimkien ma’ mezzanin sovrastanti ta’ l-istess fond, id-dar bin-numru dsatax (19), dar ohra bin-numru wiehed u ghoxrin (21) u l-garaxx numerat tlieta u ghoxrin (23) kollha fi Triq Villabrosa, Hamrun, flimkien soggetti ghal cens temporanju annwali ta’ zewg Ewro u erbatax-il centezmu (€2.14c), altrimenti liberi u franki, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom flimkien mad-dritt assolut ta’ tliet kwarti (3/4ths) jew kull sehem iehor indiviz aktar précis u ezatt ta’ l-imsemmija erba’ proprjetajiet, liberi u franki, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom inkluz xi sehem proporzjonat Utile Dominium Temporaneum u/jew il-proprjeta’ shiha tal-gnien fuq wara tal-bini jew kwalunkwe aktar sehem précis u ezatt tieghu iehor;*

*(2) Id-dar bin-numri hamsa u ghoxrin (25) u sebgha u ghoxrin (27), Triq Villambrosa, Hamrun, in parti soggetta ghal cens perpetwu annwalita’ ta’ tliet Euros u tlieta u*

*sebghin centezmu (€3.73c), u in parti libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha;*

*(3) L-ufficcju/fondi bin-numri tlieta u tletin (33) u hamsa u tletin (35), Triq Villambrosa, Hamrun, liberi u franki, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghhom;*

*(4) Id-dar bin-numru sebgha u tletin (37), Triq Villambrosa, Hamrun, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha;*

*(5) L-ufficcju bin-numri disgha u tletin (39) u tlieta u erbghin (43) fi Triq Villambrosa, Hamrun, liema ufficcji jinkludu kemm kamra li qabel kienet tifforma parti mill-fond bin-numru wiehed u erbghin (41) fl-istess Triq Villambrosa Hamrun kif ukoll zewg garaxxijiet minghajr numru maghrufa bhala garaxx ittra "F" u garaxx ittra "G" liema garaxxijiet jiffurmaw parti minn kumpless ta' garaxxijiet mibnija madwar bitha centrali u accessibbli minn mina bin-numru hamsa u hamsin (55) kultant maghrufa bhala hamsa u hamsin ittra "A" (55a) fi Triq Villambrosa, Hamrun, frontalière flimkien ma' Tramuntana u mill-Punent ma' l-imsemmi bitha komuni u fuq in-Nofsinhar ma' proprjeta' ta' "B". Tagliaferro and Sons Limited" jew is-successuri tieghu fit-titolu jew aktar delimitazzjonijiet ezatti, kollha liberi u franki, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghhom;*

*(6) Il-proprjeta bin-numru hamsa u erbghin (45), Triq Villambrosa, Hamrun, liema proprjeta' hija sovrastanti proprjeta' ta' terzi u b'hekk soggetta ghal u tgawdi dawk servitujiet kollha inerenti fil-pozizzjoni taghha, soggetta wkoll ghal cens perpetwu annwali ta' sitta Euro u disgha u disghin centezmi (€6.99c) pagabbli kull sena bil-quddiem kull tielet (3rd) jum ta' April ta' kull sena lill-kumpanija "B. Tagliaferro & Sons Limited", libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha;*

*(7) Il-garaxx bla numru u bla isem maghruf bhala garaxx ittra "D" li jifforma parti minn kumpless ta' 'garaxxijiet mibnija madwar bitha centrali u accessibbli minn mina bin-numru hamsa u hamsin (55) kultant maghruf bhala hamsa u hamsin ittra "A" (55A) fi Triq Villambrosa, Hamrun, frontalière ghal garaxx fuq it-Tramuntana ghal bitha u minn kullnaha ohra mal-proprjeta' tal-kumpanija B. Tagliaferro and Sons Limited jew is-successuri taghha fit-titolu, jew konfini aktar ezatti, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha;*

*(8) Il-garaxx bla numru u bla isem maghruf bhala garaxx ittra "E" li jifforma parti minn kumpless ta' garaxxijiet mibnija madwar bitha centrali u accessibbli minn mina bin-numru hamsa u hamsin (55) kultant maghruf bhala hamsa u hamsin ittra "A" (55A) fi Triq Villambrosa, Hamrun, fontalière ghal garaxx u fuq it-Tramuntana ghal bitha u*

*minn kull naha ohra mal-proprjeta' tal-kumpanija B. Tagliaferro and Sons Limited jew is-seccessuri taghha fit-titolu, jew konfini aktar ezatti, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha;*

*(9) Il-garaxx bla numru u bla isem maghruf bhala garaxx ittra "J" li jifforma parti minn kumpless ta' garaxxijiet mibnija madwar bitha centrali u accessibbli minn mina bin-numru hamsa u hamsin (55) kultant maghruf bhala hamsa u hamsin ittra "A" (55A) fi Triq Villabrosa, Hamrun, liema garaxx huwa sottostanti garaxx bin-numru hamsa u ghoxrin (25) fi Triq Censu Borg, Hamrun, frontalière l-istess garage minn Nofsinhar mal-bitha u mill-Lvant u Punent ma proprjeta' tal-kumpanija B. Tagliaferro and Sons Limited jew is-successuri taghha fit-titolu, jew konfini aktar ezatti, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha;*

*(10) Il-garaxx minghajr numru u b'isem "John's Garage" fi Vjal Mile End, Blata l-Bajda, limiti ta' Hamrun, liema garaxx huwa sottostanti blokk flats bla numru b'isem "John's Flats" li jifforma parti minn blokk ta' bini li jikkonsisti mill-imsemmi garaxx fil-livell tat-triq u blokk ta' flats sovrastanti l-imsemmi garaxx, frontalière l-imsemmi blokk fuq in-Nofsinhar mal-imsemmi Mile End Avenue, mit-Tramuntana ma' proprjeta' tal-Istat Malti u mill-Punent ma' proprjeta' ta' Joseph Ciscaldi jew is-successuri tieghu fit-titolu jew konfini ezatti aktar, liema garaxx huwa soggett ghal u jgawdi dawk servitujiet kollha inerenti fil-pozizzjoni tieghu, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi tieghu kollha;*

*(11) Il-garaxx minghajr numru b'isem "John's Garage" li qabel kellu l-isem "Mayfair Garage" u qabel b'isem "Saint Michael" fi Triq Mountabatten, xi kultant maghrufa wkoll bhala Triq id-Duluri, Hamrun, frontalière l-istess garaxx mill-Punent mal-imsemmija triq, mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' l-successuri tieghu fit-titolu jew konfini aktar ezatti, soggett ghal cens perpetwu annwali ta' sebgha u ghoxrin Ewro u hamsa u disghin centemzi (€27.95c), liema garaxx huwa sottostanti proprjeta' ta' terzi u ghalhekk soggett ghal dawk is-servitujiet kollha inerenti fil-pozizzjoni tieghu, altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi tieghu kollha;*

*(12) Il-garaxx minghajr arja sovrastanti, b'isem "John's Garage" bin-numru hamsin (50), Triq Guze Maria Camilleri, Hamrun, li qabel kien idikat bhala numru mija tlieta u hamsin (153), Triq Guze' Pace li qabel kienet Victoria Avenue, Hamrun, soggett ghal cens annwali perpetwu ta' hames Euros u tnejn u ghoxrin centezmu (€5.22c), soggett ukoll ghal u jgawdi dawk servitujiet kollha inerenti fil-pozizzjoni tieghu, altriment liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu;*

(13) *Il-garaxx bla isem bin-numru tnejn u hamsin (52), li qabel kellu n-numru mija wiehed u hamsin (151), Triq Guze Maria Camilleri, li qabel kienet Triq Guze Pace u qabel Victoria Avenue, Hamrun, soggett ghal cens perpetwu anwali ta' tlieta euro u hamsa u sebghin centezmu (€3.75c), altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu;*

(14) *L-erba' (4) plots ta' art, deskritti hawn taht, kollha jiffurmaw parti mal-artijiet "Tal-Hofor" alias "Tal-Forka" alias "Tat-Timbru" fl-Imriehel, limiti ta' H'Attard, debitament registrati mar-Registru tal-Artijiet b'Certifikat tat-Titolu numru wiehed tnejn zero zero tnejn disgha sitta hamsa hamsa (12002965), liema erba plottijiet ta' art huma dawn li gejjien, jigifieri:*

*(a) Bicca art li tifforma parti mill-artijiet msemmija qabel, kejl ta circa elf, mija erbgha u ghoxrin (124) metru kwadru (1124m2), frontalière mit-Tramuntana ma Mdina Road, minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' John's Garage Limited u mill-Lvant ma sqaq bla isem tizbokka fuq Mdina Road, jew konfini aktar ezatti, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha;*

*(b) Zewg (2) plots kontigwi ta' art, li jifformaw wkoll parti mill-artijiet msemmija qabel, fejn kull plot ghandu kejl ta' madwar elf u wiehed u sittin metru kwadru (1,061m2), frontalière flimkien mal-imsemmija plottijiet fuq il-Lvant ma' sqaq bla isem tizbokka fuq Mdina Road, mit-Tramuntana ma proprjeta tal-familja Strickland jew successuri ohra fit-totolu, minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' John's Garage Limited jew konfini aktar ezatti u precizi, liberi u franki, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghhom;*

*(c) Plot iehor ta' art li jifforma wkoll parti mill-artijiet msemmija qabel, kejl circa elf u hamsin metru kwadru (1050m2), frontalière fuq il-Lvant ma sqaq bla isem tizbokka fuq Mdina Road, mit-Tramuntana ma' proprjeta ta' John's Garage Limited u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' Licari Estates Limited jew is-seuccessuri taghha fit-titolu jew konfini aktar ezatti, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha;*

(15) *Kumpless ta' ufficcju bla numru u mahzen bl-arja relattiva tieghu b'isem "John's Auto Care" precedentement "Fininvest House" fi Triq l-Imhazen, Qormi, frontalière l-istess kumpless mill-Punent mal-imsemija Triq l-Imhazen, mill-Lvant mat-Triq l-Industrija u minn nofsinhar ma' proprjeta' ta' Paul Carabott jew is-successuri tieghu fit-titolu jew konfini aktar ezatti, soggett ghal cens rivedibbli perpetwu annwali ta' mitejn u sitta u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu*

*(€256.23c), altrimenti liberi u franki, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghhom, registrati mar-Registru tal-Artijiet bin-numru zero sitta zero zero tnejn wiehed tnejn erbgha (06002124), liema kumpless jikkonsisti:-*

*(a) Mahzen kbir fil-livell tal-art li tinkludi zewg oqsma, kejl ta' circa disa' mija metri kwadri (900m²) u zona ma' genb ta' kejl ta' circa mitejn u hmistax metru kwadru (215m²);*

*(b) Mezzanin ta' kejl ta' circa metru kwadru (406m²);*

*(c) Zona ohra ta' kejl ta' circa tlett mija tlieta u tmenin metru kwadru (383m²).*

*(16) L-ufficcju li jikkonsisti fi tliet oqsma kontigwi mmarkat b-ittri "G" numru tnejn (G2), "G" numru numru tlieta (G3) u "G" numru erbgha (G4) kollha f'livell tal-art u ta' kejl ta' madwar hames mija u erbghin metru kwadru (540m²) flimkien ma xi zona ohra fl-ewwel sular mmarkata b'ittra "G" numru hamsa (G5) ta' kejl ta' madwar mitt metru kwadru (100m²) fi triq gdida bla isem Qormi, frontalière mal-imsemmija proprjeta' fuq it-Tramuntana ma triq gdida bejn Triq l-Industrija u Triq l-Imhazen, fuq il-Lvant ma' proprjeta' tal-kumpanija Finnivest Limited jew is-successuri taghha fit-titolu u minn kull naha ohra mal-proprjeta' li jappartjenu ghal Finnivest Limited, jew konfini aktar ezatti, l-istess ufficcju soggett ghal cens perpetwu rivedibbli annwali tal-erbgha u tletin Euro u 94 centezmu (€34.94c), altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi tieghu kollha registrati mar-Registru tal-Artijiet bin-numru zero sitta zero zero tnejn wiehed tnejn sitta (06002126);*

*(17) Il-blokk bla numru u bla isem ta' bini, flimkien mal-arja sovrastanti tieghu li jikkonsisti f'garaxx fil-livell tat-triq u showroom sovrastanti, liema blokk jifforma parti minn kumpless bla numru b'isem "John's Auto Care", f'Triq Industrija, Qormi, fejn l-imsemmi garaxx huwa accessibbli minn Triq Concetta Borg Calleja li qabel kienet triq gdida bla isem fi Triq l-Industrija filwaqt li x-showroom huwa accessibbli minn Triq l-Industrija, liema proprjeta' hija mibnija fuq plot ittra "G" numru wiehed (G1) tal-artijiet "tal-Palazz l-Ahmar", mdawwar mit-Tramuntana ma Triq Concetta Borg Calleja qabel kienet triq gdida bla isem li taghti ghal Triq l-Imhazen, mill-Punent mat-Triq l-Industrija, mill-Lvant ma' Triq l-Industrija u mill-Punent ma' proprjeta' tal-Kumpanija, jew konfini aktar ezatti u precizi, soggett ghal cens annwali u perpetwu u irrevedibbli ta' tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29c), altrimenti liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi tieghu kollha u kif muri indikat fl-orangjo fuq pjan mehmuz mal-att fir-rekors tieghi tas-sebgha u*

*ghoxrin (27) jum ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004), irregistrat mar-Registru tal-Artijiet bin-numru zero sitta zero zero tlieta zero hamsa disgha (06003059).*

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Novembru, 2014 illi bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-5 ta' Dicembru, 2014 fil-11.45 am.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati u lis-socjetajiet intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Raymond Farrugia (KI 749852M) et li taqra hekk:

*" Preliminari*

*Illi L-artikolu 873 tal-Kap 12 jsemmi li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Il-mandat irid:*

*a) ikun mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, jew ahjar li d-dannu jkun irrimedjabbli; u*
*b) li dak ir-rikorrent* ***prima facie*** *jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

*Illi l-interpretazzjoni ta' dak imsemmi taht dan l-aspett [bhala rekwizit] hu li mhux bizzejjed li rikorrent juri li ser isofri xi pregudizzji, izda wkoll li tali pregudizzju jrid ikun irriparabbli; ghax il-Qorti ma tohrogx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkunx hemm rimedju adegwat ghar-rikorrent. Irid ikun kif jghid it-test bl-ingliz "necessary";*

*Illi naturalment, salv dak li jinghad taht is-sub-artikolu 5, il-pregudizzju ma jridx ikun wiehed ta' natura finanzjarja ghax bhala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi ghalih;*

*Illi biex tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa necessajru li r-rikorrenti jissodisfa lill-Qorti li* ***prima facie*** *ghandu dawk il-jeddijiet u dana dejjem f' livell ta'* ***"prima facie"*** *minhabba li l-kwistjoni tigi ezaminata dettaljatament fil-kors ta' kawza*

*istitwita* **ah hoc** *fejn tigi deciza b' mod definittiv. Ghalhekk ikun jinkombi fuq il-Qorti li taghti pronunzjament definittiv fi proceduri li necessarjament iridu jsegwu dawk odjerni. Infatti mandati kawtelatorji huma dipendenti u ancillari fuq l-istituzzjoni ta' azzjoni entru terminu perentorju;*

***Nuqqas tal-partikolarjiet tal-Persuni Fizici***

*Illi ai termini ta' l-Art. 874 (2), meta mandat jipprojbixxi l-bejgħ, it-trasferiment jew it-tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli, ir-rikors għandu jkun fih il-partikolaritajiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-persuna li jinħareġ kontriha u li huma meħtieġa mil-liġi dwar ir-reġistrazzjoni ta' trasferiment ta' proprjetà immobbli minn dik il-persuna fir-Reġistru Pubbliku.* ***Illi fil-kaz in kwistjoni ma hemmx il-partikolarjiet tal-persuni fizici kif titlob il-ligi, u lanqas ma hemm indikazjoni ta' min huma l-proprjetajiet in kwistjoni - ghalhekk il-mandat fih difett u per konsegwenza m'ghandhux jintlaqa';***

***Nullita tal-Mandat***

*Illi l-mandat odjern huwa difettuz ukoll ghaliex ma jaghtix ir-ragunijiet bzonnjuzi u rikjesti fil-ligi ghaliex il-Qorti ghandha tilqa tali mandat:*

*a) Preliminarjament fil-mandat ma hemm l-ebda raguni ghaliex qieghed jinhareg tali mandat, izda semplicament hemm mitlub sabiex il-Qorti zzomm l-intimat milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà indikata;*

*b) Illi f'nota separata,* **mhux fil-mandat kif titlob il-ligi**, *ir-rikorrenti jispjegaw li t-titolu tal-mandat huwa pretenzjonijiet ta' danni soferti mir-rikorrenti bil-ksur da parti ta' l-intimati tal-kondizzjonijiet tal-ftehim ta' transazzjoni li r-rikorrenti u l-intimati ffirmaw bejniethom fit-28 ta' April 2012. Ir-rikorrenti fil-mandat jaghmlu referenza ghar-rikonvenzjoni tal-kawza 427/14 SM. Illi ghalhekk wiehed ghandhu jissoponi li qed issir referenza ghal ksur ta' kondizzjonijiet ta' konfidenzjalita' tal-ftehim surreferit. Illi l-esponenti jsostnu li dan mhux il-format legali li bih*

*ghandhu jsir mandat fejn huma ghandhom jipprezumu l-intenzjoni u mhux jafu fic-cert x'inhi l-pretensjoni tar-rikorrenti.*

c) *Illi l-imsemmi mandat huwa kontraditorju ghaliex l-ewwel jaghti wiehed x'jissoponi li qed isir sabiex jikawtela d-drittijiet miksura minhabba li ma gewx osservati l-kondizzjonijiet ta' kunfidenzjalita', u wara jaghti wiehed x'jissoponi li d-danni huma minhabba allegat telf ta' negozju. Dan peress li hemm rapport ta' Roberto J. Mifsud anness mal-mandat odjern li jitkellem dwar allegat telf a' negozzju ta' Centre Point Resources Limited – li in parentezi lanqas ma huma parti tal-proceduri odjerni. L-esponenti ma jistghu jifmhu qatt kif il-kumpannija Centre Point Resources Limited tidhol f'dawn il-proceduri. Illi wiehed jirrimarka li Roberto J. Mifsud wasal ghal tali komputazjoni ta' telf ta' miljuni kbar izda jispjega li dan huwa ghaz-zmien tal-futur – In preparing my report, I have relied on historical and prospective financial information provided to me by management and other third parties* ***and calculated the loss on the basis of the foreseeable five years*** *from suspension of business at the end of January 2013 as reported by George Farrugia.*

***Illi jigi ukoll rilevat ghal kull buon fini li l-Gvern kien ordna li l-kumpanniji li jissplixxu lil George Farrugia ma joperawx Malta u dan minhabba l-operat illegali ta' l-istess George Farrugia li ghaliha nghata mahfra Presidenzjali sabiex jikolabora fl-investigazzjonijiet.***

*Illi l-esponenti fethu kawza kontra l-intimati [rikorrenti fil-mandat odjern] peress li dawn kienu accettaw li jhallashom permezz ta' ftehim tat-28 ta' April 2012 – izda minhabba l-inadempjenza taghhom l-esponenti kellhom jintavolaw il-kawza odjerna 427/14 SM fejn qed jitolbu l-bilanci dovuti lilhom u intavolaw mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati li jgib in-numru 525/14 LSO li gie akkordat permezz ta' digriet tal-15 ta' Mejju 2014 biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom. Il-mandat odjern huwa intiz biex semplicament jezercita pressjoni fuq l-esponenti u dan peress li huma George u Katherine Farrugia li huma debituri ta' l-esponenti.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni odjern, bl-ispejjes kontra taghhom.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-5 ta’ Dicembru 2014 illi permezz tieghu l-partijiet qablu illi ghandhom jigu estizi t-termini legali sabiex il-partijiet jinghataw opportunita’ jilhqu ftehim bonarju;

Rat il-verbal tas-16 ta’Dicembru 2014 li permezz tieghu ir-rikorrenti **cedew** t-talba tal-Inibizzjoni fil-konfront ta’ Raymond u Agnes konjugi Farrugia, Anthony u Catherine konjugi Farrugia, Gaetano u Dorothy konjugi Farrugia Saviour u Antoinette konjugi Farrugia, Emanuel u Valerie konjugi Farrugia u socjetajiet Powerplan Limited, John’s Autocare Limited, John’s Garage Limited Sunray’s Travel and Tourism u John F Motors Limited, izda **zammew ferm** ghar-rikors ghal-hrug ta’ Mandat t’Inibizzjoni **fil-konfront ta’ John’s Group Limited** ;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet tas-6 ta’Jannar 2015 illi permezz taghha informaw lil Qorti li l-partijiet ma wasslux ghal ftehim bonarju;

Rat id–dokumenti u l-atti tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti preliminarjament taccenna ghall-fatt illi dawn il-proceduri qeghdin jissoktaw kontra s-socjeta’ intimata John’s Group Limited C11392 biss, in vista tal-verbal tas-16 ta’ Dicembru 2014, illi bih r-rikorrenti cedew r-rikors odjern fil-konfront tal-intimati l-ohra kollha – vide fol. 161.

Ir-rikorrenti fit-testimonjanza tieghu, xhed illi ntavola r-rikors ghal-hrug ta’Mandat t’Inibizzjoni ghaliex huwa sofra danni kbar peress illi kien hemm djun konsiderevoli fuq l-kumpanijji illi il-kontendenti kellhom bejniethom.

Huwa xhed illi l-ftehim kunfidenzjali li sar bejn il-partijiet ma kienx qed jigi attwat u li minkejja li l-partijiet kienu marbuta bil-kunfidenzalita’,***“l-affararijiet bdew iqumu u jinxterdu ma kullimkien, ma kull rih.”***- vide fol. 164.

Ir-rikorrenti xhed illi minkejja illi kien ghamel l-pagamenti sostanzjali li huma msemmija a fol. 165 et seq, l-*accounts* tal-kumpaniji ma sarux u ghaldaqstant ma setghux jsiru s-*share transfers* tal-istess kumpaniji.

Illi apparti dana kollu, r-rikorrenti lmenta li kien qed ssofri danni ‘l ghaliex ma kienx f’posizzjoni jkompli biex x-xoghol tieghu ma kumpaniji taz-zejt barranin.

Ir-rikorrenti xhed li skond il-ftehim bejn il-partijiet, hu kien gie konsenjat diversi oggetti. Illi pero sussegwentement, kien rcieva *invoice*, u pretiza ghal hlas mill-intimati ghal dawn l-istess l-oggetti konsenjati.

Ir-rikorrenti nnega li dawn l-oggetti kien jiswew bejn tletin elf (€30,000) u erbghin elf (€40,000) Ewro u sostna li jekk riedu, l-intimati setghu jehduhom lura.

Illi di piu’ karozza li nxtrat biex iservi bhala *promotion* ghas-socjeta’ Powerplan thallset fil-bicca l-kbira mir-rikorrenti. Apparti minn dana kollu jidher illi kien hemm ex ufficcio *assessment* fl-ammont ta’ mitt elf Ewro (€100,000), dovuti lil *Vat Department* ghal-perijodu ta’ zmien meta r-rikorrenti kien Direttur tas-socjeta’ rilevanti.

Ir-rikorrenti xhed illi apparti l-affarijiet li gew mxandra fuq il-mezz tax-xandir, l-intimati kienu qed ***“jghidu ma kulhadd u jivvintaw u jzidu u jkabbru u jiena nmur biex niehu bicca xoghol u ma nistax nehoda.”*** – vide fol. 175

Mix-xhieda ta’ Chris Farrugia, CEO tal-John’s Group Limited a fol. 177 et seq., jirrizulta illi ma kienx minnu illi l-*stock* tas-socjeta’ Powerplan inghata lir-rikorrenti b’xejn. Huwa xhed illi dan gie stmat bi prezz baxx hafna ta tletin elf Ewro (€30,000). Il-hlas ta’ dan l-*stock* sar bi tpacija ma prodotti cioe’ l-*lubricants,* illi huma kienu jircievu minghand ir-rikorrenti. Di’ piu ir-rikorrenti ha l-*stock* tal-kwantita’ taz-zejt (Total) illi kellhom l-intimati u *stock* ta’ *Petrol Station equipment* u *shelvings*. Meta l-kontijiet gew ekwiparati, r-rikorrenti waqaf jikkonsenja *lubricants* pero sussegwentement huma rcevew *invoice* minghand ir-rikorrenti ghal hlas pretiz mill-istess rikorrenti.

Ghal rigward tal-pozizzjoni tal-*Vat*, *Income Tax u National Insurance Payments,* Chris Farrugia, xhed illi John's Group Limited ma ghandha ebda pendenzi mad-Dipartiment tal-VAT jew mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Ghar-rigward tal-allegat mitt elf Ewro (€ 100,000) ex ufficcio *assessment,* kienu diga sehhew diversi laqghat mal-*commissioner* tal-VAT 'l ghaliex l-ammont pretiz filfatt ma kienx *vatable*. Ma kien hemm ebda pendenzi dwar *income tax* u l-uniku ammont dovut kien dak dovut mir-rikorrenti f'*National Insurance payments*, li skond l-*agreement* bejn il-partijiet kellu jithallas mir-rikorrenti. Dan il-pagament ghadu ma sarx.

Dr Seigfried Borg Cole a fol. 182 et seq ezebixxa skrittura privata datata 28 ta' Gunju 2012, flimkien ma *summary* ta' dan l-*agreement* (Dok. A u B animo ritirandi) u dana sabiex ikun jista' jsir pagament ta' hames mitt elf Ewro (€500,000) lil Volksbank.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti

tar-Rikors għall-ħrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet “**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**” (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie,* l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta’ Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***“... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru ‘prima facie’, ma’ l-ewwel daqqa t’ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.”***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta’ pregudizzju rikjest bhala bazi ta’ akkordar ta’ hrug ta’mandat, hu pregudizzju “li ma jkun jista’ jigi irrimedjat”.

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista’ jitneħħa**, **mqar b’deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet **“Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe”**)

Il-Mandat ta’ Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta’ Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***“... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista’ jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem b’mod irrimedjabbli.”***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. – vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi fuq prodotti, minkejja illi r-rikorrenti irnexxielu jipprova a sodisfazzjon ta' din il-Qorti li jista' jkollu jedd, almenu fuq bazi ta' prima facie, din il-Qorti taghraf illi l-istess rikorrenti ma rnexxielux jipprova illi dan il-Mandat t'Inibizzjoni huwa mehtieg ghall-harsien ta' dan il-jedd.

Illi apparti in-nebolozita' fuq l-ammonti pretizi mir-rikorrenti minghand is-socjeta' John's Group Limited, r-rikorrenti naqas illi jipprova anki fuq bazi ta' prima facie illi l-Mandat

t'Inibizzjoni huwa mehtieg ghal-harsien tad-drittijiet tieghu u li fin-nuqqas ta' hrug ta' tali Inibizzjoni, r-rikorrent ser jinkorri hsara irrimedjabbli, hsara li ma tistghax tigi risolta almenu b'decizjoni ta' dawn il-Qrati.

Din il-Qorti taghraf illi l-prova ta' hsara irrimedjabbli u r-rekwizit tal-htiega ghall-istess Mandat t'Inibizzjoni hija nieqsa, aktar u aktar meta jirrizulta li bejn il-partijiet gia gew intavolati l-proceduri necessarji illi fihom ir-rikorrenti sahhansitra intavola talba rikonvenzjonali.

Din il-Qorti taghraf ukoll illi x'aktarx dawn il-proceduri gew intavolati b'risposta ghal proceduri intavolati mill-kontroparti, li skond id-dettami tas-sentenza fuq citata **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti** deciza **18 ta'Lulju 2008,** m'ghandux ikun.

Ghaldaqstant l-Qorti tqis illi ma jikkonkorrux l-elementi mehtiega ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-socjeta' intimata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti:

Tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta'Mandat ta' Inibizzjoni kontra s-socjeta' intimata billi ma ntweriex illi jirrizultaw l-elementi kollha mitluba mill-ligi ghal hrug tieghu;

Thassar *contrario imperio* d-digriet taghha datat 21 ta' Novembru 2014 , sa fejn kienet laqghet it-talba b'mod provvisorju;

Tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moghti kameralment illum il-Gimgha 9 ta'Jannar 2015**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------